

Brussell, 10 ta' Mejju 2019  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0069(COD)

---

8743/19  
ADD 1

CODEC 996  
PECHE 213

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) **(I-ewwel qari)**

- Adozzjoni tal-att leġislattiv
- Dikjarazzjonijiet

---

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sajd rikreattiv**

Il-Kummissjoni tfakkar li wieħed mill-oġġettivi stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Malta MedFish4Ever li ġiet adottata f'Marzu tal-2017 huwa li jiġi stabbilit, malajr kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2020, sett ta' regoli bażiċi biex tiġi żgurata ġestjoni effettiva tas-sajd rikreattiv fil-Mediterran.

Skont dan l-objettiv, l-istrateġija ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (il-GFCM) għall-2017 sal-2020 tinkludi, fost l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati fiż-żona ta' din il-Kummissjoni, il-valutazzjoni tal-impatti tas-sajd rikreattiv u l-fatt li jitqiesu l-aħjar miżuri ta' ġestjoni biex jiġu rregolati dawn l-attivitajiet. F'dan il-kuntest, fil-GFCM ġie stabbilit grupp ta' ħidma dwar is-sajd rikreattiv bil-għan li tiġi żviluppata metodoloġija reġjonali armonizzata għall-valutazzjoni tas-sajd rikreattiv.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem qatigħ fil-GFCM sabiex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fid-Dikjarazzjoni MedFish4Ever.

### **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-qroll l-aħmar**

Il-Kummissjoni tfakkar li l-miżuri ta' konservazzjoni adottati fil-qafas tal-pjan ta' ġestjoni reġjonali adattiv għall-isfruttament tal-qroll l-aħmar fil-Mediterran [ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/5] huma miżuri temporanji. Fl-2019, il-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku tal-GFCM se jivvaluta dawn il-miżuri, li jinkludu l-possibbiltà li jiddaħħlu limiti fuq il-qbid, bil-għan li l-GFCM tirrevedihom waqt it-43 sessjoni annwali tagħha (li se ssir f'Novembru tal-2019).